NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELT VICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

JANNAR-APRIL 2024

NRU 211



## "CRUX FIDELIS"

L-Adorazzjoni tas-Salib
nhar il-Ġimgħa l-Kbira 2024
ritratt: Sebio Aquilina

THE ASTRA
Lounge | Cafe | Bistro




TA' ĠOLINA
supermarket
275, Triq tal-Għajn, Fontana - 21554067
Għal għażla vasta ta' prodotti ta' kwalità bi prezzijiet raġonevoli
u servizz eċċelenti.
B'telefonata tista' tordna u tirċievi x-xirja tiegħek id-dar!

A&M PRINTING

PUMA GOZO
21 560 248
79 051 634
pumagozo@gmail.com
5,Exchange Junction, Victoria VCT1073, Gozo, Malta

CHARLES ATTARD
Fresh Fruits & Vegetables

Silhouette
THE LIGHT SHOP




17 TOWNHOUSE
Boutique Bed & Breakfast
17, Triq Taħt Putirjal
Victoria VCT 1347,
Gozo - Malta
T: + 356 21561230
M: +356 77167163
info@townhouse17.com
townhouse17.com

GFS
tal-Orjenti
5 Republic Street,
Victoria
(Gozo, Malta)
Tel: 21556005

**DONAZZJONIJIET:** P Zammit €50

# IL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA KBIRA TA' SAN ĠORĠ

EDITORJAL

Il-Parroċċa tagħna ilha bi tradizzjoni antika tissollennizza dawn il-jiem imqaddsa. L-istorja turina li l-parruċċani ħadmu u stinkaw biex mal-medda taż-żmien dawn ikunu tabilħaqq mumenti ta' devozzjoni, ġabra u talb. Il-kummissjoni tas-Santissmu Kurċifiss minn idejn Pietru Pawl Azzopardi tikkonferma r-rieda li dawn il-jiem ikunu ċċelebrati bl-aktar mod dinjituż.

Mal-medda taż-żmien il-funzjonijiet evolvew biex jixhdu aktar il-profondità ta' din il-ġimgħa hekk speċjali u dak li tfakkar bil-Liturġija sobrja u solenni tagħha. Simboliżmi u tradizzjonijiet tneħħew, inbidlu jew evolvew f'oħrajn ġodda, imma l-essenza baqgħet: it-Tifkira tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. U dan baqa' jidher ċar daqs il-kristall fl-organizzazzjoni tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li fis-'sempliċità' tagħha għadha tevoka dak li suppost jgħix il-bniedem f'dawn il-jiem: devozzjoni u penitenza.

Il-Parroċċa ta' San Ġorġ b'wiċċha minn quddiem tiftaħar bl-uniċità ta' din il-purċissjoni għax għadha żżomm l-essenza tal-iskop ta' Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. It-tqassim hu wieħed ċar, b'taqsimiet differenti kull waħda ddur ma' waħda mill-vari tal-Passjoni, akkumpanjati minn tfal jerfgħu simboli relatati mal-Ġimgħa l-Kbira, irġiel u nisa penitenti jġorru l-ktajjen jew slaleb, flimkien mal-kant tal-Kor Laudate Pueri, il-marċi funebri tal-Banda Ċittadina La Stella u parteċipanti oħra li jkomplu jgħinu fiż-żamma tad-devozzjoni. Hekk kienet u hekk għadha l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' San Ġorġ.

Ta' min ifaħħar l-inizjattiva ta' din is-sena li t-tfal li pparteċipaw fil-Purċissjoni kellhom laqgħat apposta biex isiru jafu aktar fuq l-iskop u r-raġuni tas-sehem tagħhom fiha. Il-ħajr imur lill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira u l-voluntiera li b'tant dedikazzjoni u ħeġġa jaħdmu f'dawn il-ġimgħat.

Ikun għalhekk tassew għaqli li l-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tibqa' żżomm dan il-format fil-kuntest tal-ġranet għeżież li fihom tiġi ċċelebrata, biex flimkien mal-Liturġiji solenni fil-Bażilika twassalna għall-iskop aħħari, dak li ngħixu u niftakru fil-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, li wara l-mewt, qam rebbieħ!

**Għal min jixtieq, kull ħarġa dejjem tkun disponibbli f'verżjoni diġitali fuq www.stgeorge.org.mt jew fuq www.um.edu.mt/library/oar/handle/123456789/43928**



INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef

*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

REKLAMAR

Frank Schembri - franklbv@gmail.com

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Andrea Camilleri, Toni Farrugia, Andrew Formosa

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM

MESSAĠĠ



# KIF SE NILĦQUHOM?

L-Arċipriet Joseph Curmi

Wara iktar minn seba' snin Arċipriet ta' din il-Parroċċa sabiħa, għadha tberren dik il-mistoqsija tal-Papa Franġisku li meta jikkummenta dwar in-nagħġa l-mitlufa jistaqsi: Tgħid illum huma d-99 nagħġa li qegħdin barra u l-waħda ġewwa? U hu jkompli jwissi li rridu noqogħdu attenti li ma nikkuntentawx nomxtu lil dawk li għadhom ġew u ninsew l-aspett missjunarju tal-Knisja. U dan hu dak li jħassibni ferm fuq il-ministeru tiegħi bħala ragħaj ta' din il-komunità.

**Id-demografija**

Minn diversi informazzjonijiet li ġbarna u tentattivi li għamilna matul is-snin joħroġ ċar li l-Parroċċa u l-belt tagħna qed jinbidlu u jixjieħu. U din il-bidla se ssir iktar mgħaġġla. Dan għaliex persentaġġ kbir mill-koppji ġodda li parti minnhom jew it-tnejn huma mir-Rabat mhux qed joqogħdu hawn. Dan għal diversi raġunijiet, fosthom it-traffiku u anki l-prezzijiet tal-bini. Dan ifisser li fil-futur qarib se jkollna ħafna inqas tfal li jiffurmaw il-komunità. Barra minn hekk, il-familji ż-żgħar fir-Rabat kważi b'mod assolut joqogħdu proprju fit-truf u fil-limiti tal-bini tar-Rabat. Dan għaliex kien f'dawn il-postijiet li tela' l-aħħar bini ġdid. Dan ifisser li ċ-ċentru tar-Rabat hu prattikament kollu anzjan, mixtri minn barranin jew inkella vojt u abbandunat. Din hi r-realtà li qed ngħixu fiha li twassalna naraw li ċ-ċentru mill-aspett demografiku proprjament sar periferija. Tant hu hekk li l-parti l-kbira li jagħżlu li jiffrekwentaw il-parroċċa tagħna jkollhom jużaw il-karozza biex jiġu.

**Realtajiet mhux milħuqa**

Dan it-tibdil demografiku qed iwassal biex fejn qabel kull familja kienet magħrufa, illum sar diffiċli anki għall-ġirien li jkunu jafu min joqgħod ħdejhom, aħseb u ara l-Parroċċa! U dan jgħodd iktar u iktar għar-realtà tar-Rabat b'żewġ parroċċi fl-istess territorju. Dan għaliex żgur li jeżistu ħafna persuni, familji u realtajiet li ma jħabbtu l-bieb tal-ebda parroċċa u għalhekk ma jintlaħqu minn ħadd. Barra minn hekk, dan jgħodd ukoll għal tant barranin li joqogħdu fostna u lanqas biss ħjiel tagħhom ma għandna, aħseb u ara kemm nistgħu naħdmu għal integrazzjoni u interess reċiproku. Dan biex ma nsemmux realtà oħra fejn it-tfal u ż-żgħażagħ bħal donnhom għebu minn wiċċ id-dinja u soċjalment m'għadhomx jeżistu ħlief f'mumenti tgħoddhom fuq subgħajk.

**Lejn Knisja li tinteressa ruħha**

Filwaqt li hu veru li ma nistgħux inlaħħqu ma' kollox, iżda dan hu ż-żmien li aħna l-membri tal-Parroċċa nħossuna responsabbli mill-ġid tal-oħrajn u ninteressaw ruħna fihom. Kieku kull parruċċan jieħu għal qalbu l-ġid ta' mqar persuna waħda li hi mbiegħda, naħseb li l-Parroċċa tkun ħafna ikbar u isbaħ. Għalhekk hemm bżonn is-sehem ta' kulħadd. L-għan mhux in-numru u l-proselitiżmu, iżda l-għira qaddisa li kull Nisrani għandu jkollu li kull persuna tħoss l-imħabba ta' Alla lejha. Dan għaliex aħna konvinti li għandna l-isbaħ u l-aqwa rigal, Ġesù Kristu, li nixtiequ naqsmuh ma' kulħadd.

# KRONAKA PARROKKJALI

## MEMBRI ĠODDA fil-komunità parrokkjali

| | |
|---|---|
| 04/01/2024 | **Shanil Saparamadhu** bin Ponnuila Shamen u Galang Morales |
| 14/01/2024 | **Kristina** bint Silvio Cini u Loren Buttigieg |
| 17/01/2024 | **George Anthony** bin Matthew Camilleri u Sarah Vella |
| 04/02/2024 | **Nate** bin Christopher Pace u Amanda Buttigieg |
| 13/02/2024 | **Hailey** bint John Lorenz Cenit u Marilyn Gapido |
| 13/02/2024 | **Noah** bin Luke Sultana u Erica Sylvna Pisani |
| 16/03/2024 | **Nicole** bint Lorenzo Buttigieg u Tetiana Kandakoua |
| 31/03/2024 | **Noah** bin Marlon Atatard u Maria Chiara Xerri |
| 01/04/2024 | **Neith** bint Gayan Dharmakeerthi u Marie Mar Irinco |
| 07/04/2024 | **Ben** bin John Paul Borg u Melanie Buhagiar |
| 14/04/2024 | **Sophie** bint Jonathan Spiteri u Paula Aquilina |
| 14/04/2024 | **Jack** bint Francesco Zerafa u u Marie Sciberras |
| 21/04/2024 | **Ġorġ** bin Nathanel Zammit Magrin u Micheline Magrin |
| 21/04/2024 | **Clara** bint Franklin Cardona u Monica Marie Parnis |
| 22/04/2024 | **Kate** bint George Sciberras u Diana Camilleri |
| 27/04/2024 | **Euie** bint Albert Cachia u Antinette Portelli |

## Ingħaqdu fis-sagrament TAŻ-ŻWIEĠ

| | |
|---|---|
| 16/03/2024 | **Lorenzo Buttigieg** u **Tetiana Kandakou** |
| 20/04/2024 | **Justin Micallef** u **Nicole Camilleri** |
| 04/05/2024 | **Ray George Cassar** u **Celine-Marie Briffa Vella** |

## Marru jingħaqdu ma' KRISTU RXOXT

| | |
|---|---|
| 01/01/2024 | **Maria Dolores Xuereb** |
| 20/01/2024 | **George Said** |
| 30/01/2024 | **Mary Attard** |
| 02/02/2024 | **Rosalie Grech** |
| 03/02/2024 | **Joseph Farrugia** |
| 09/02/2024 | **Eucarista Mizzi** |
| 11/02/2024 | **Teddy Grima** |
| 24/02/2024 | **Vincent Borg** |
| 17/03/2024 | **Victoria Attard** |
| 18/03/2024 | **Maria Carmela Borg** |
| 20/03/2024 | **Giorgia Zammit** |
| 29/03/2024 | **Michael Said** |
| 03/04/2024 | **Mary Galea** |
| 12/04/2024 | **John Refalo** |
| 20/04/2024 | **Michael Angelo Saliba** |
| 08/04/2024 | **George Farrugia** |
| 29/04/2024 | **Anthony Said** |

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI





Jannar – April 2024

1. Il-festi tal-Ewwel tas-Sena jaħbtu mat-Tifkira tal-Isem Imqaddes ta’ Ġesù, meta tradizzjonalment tiġi esposta għall-qima fil-Bażilika l-istatwa ta’ Ġesù u Marija. Dakinhar l-Isqof mexxa Pontifikal fil-Bażilika.
2. Fost l-attivitajiet għall-adolexxenti li kienu qed jitħejjew għas-Sagrament tal-Konfirmazzjoni, fil-11 ta’ Jannar huma għamlu żjara flimkien mal-katekisti lill-Kunvent tal-Patrijiet Agostinjani, fejn il-Pirjol Patri Adeodato Schembri fissrilhom fiex tikkonsisti l-ħajja reliġjuża skont il-kariżma ta’ Santu Wistin.
3. L-istatwa tal-Madonna ta’ Lourdes kull sena tintrama taħt il-mant kaħlani tagħha għat-Tifkira liturġika tal-ewwel Dehra tagħha. Is-Sibt 3 ta’ Frar, wara Quddiesa mill-Arċipriet, saret purċissjoni qasira *aux flambeaux* b’din ix-xbieha madwar it-toroq qrib tal-Bażilika.
4. Bħala parti mit-tħejjija tal-għarajjes għas-Sagrament taż-Żwieġ, fit-18 ta’ Frar saret laqgħa fis-Sala Parrokkjali mal-ġenituri tagħhom, immexxija mill-Arċipriet u l-animaturi ta’ din il-mixja ta’ formazzjoni.
5. Fid-19 ta’ Frar, il-Kan. George DeBrincat – li għadu jgħaddi nofs is-sena fostna u nofs ieħor fl-Istati Uniti – iċċelebra għeluq id-90 sena tiegħu. Dawk li jisimgħu l-quddiesa tiegħu kmieni filgħodu tawh sorpriża bil-qsim ta’ kejk tal-okkażjoni.
6. Fi żmien ir-Randan l-abbatini kienu wieħed mill-gruppi tal-Parroċċa li kellhom Via Sagra fuq l-għolja Ta’ Għammar, li nżammet fl-24 ta’ Frar.
7. Għat-tieni sena konsekuttiva, il-kors tal-Eżerċizzi tar-Randan għat-tfal fis-Sala Parrokkjali tmexxa minn animatur żagħżugħ lajk, Wallace Camilleri. Dawn il-laqgħat saru fl-istess ħin li fil-Bażilika kien hemm it-taħditiet għall-ġenituri.
8. Żjara oħra reliġjuża u kulturali għall-grupp tal-adolexxenti li qed jitħejjew għall-Griżma kienet fil-Kappella Medjevali ta’ San Ġużepp, fiċ-Ċittadella, fl-14 ta’ Marzu, fejn il-katekista Josephine Cachia, li hi wkoll gwida turistika, fissret l-istorja antika ta’ dan il-post. Mument sabiħ ieħor kien dak madwar San Ġorġ bi tħejjija għall-Festa tiegħu ta’ April.



2



3



1

9. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Għid saru kif mistenni bl-akbar dinjità u solennità fil-Bażilika, u laħqu l-qofol tagħhom fil-Lejl Qaddis tal-Għid, fit-30 ta' Marzu.

10. Ftit sigħat qabel il-finali tal-GFA Knock-out Cup, it-tim u l-kumitat ta' Victoria Hotspurs FC żaru l-Bażilika ta' San Ġorġ u qattgħu mumenti quddiem l-istatwa titulari li kienet esposta fil-korsija għas-Solennità liturġika.

11. Fil-Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ, it-22 ta' April filgħaxija, li nżammet fil-Bażilika, il-ġemgħa talbet bl-għajnuna ta' siltiet mill-Innu liturġiku tal-Knisja Biżantina f'ġieħ il-Qaddis Martri, l-Akathist ta' San Ġorġ, li ġie maqlub għall-Malti mill-Papas Martin Zammit.


4


5


6


7


8


8


9


10


11

# FUQ IL-PASSI TA' SAN ĠORĠ FIT-TRIQ TAL-QDUSIJA



Fra Ġorġ Grech ocso

## NAWGURALEK LI FIS-SENA L-ĠDIDA...

...inti tgħix fl-umiltà, sabiex fuq il-passi ta' San Ġorġ u id f'id miegħu, int tkun tista' tikkonsma għal Ġesù li tant tħobb.

Il-Vjoletta, fjura ħelwa u umli, tkun għalik skola li fiha titgħallem l-umiltà tal-qalb. Hija tagħżel li titwieled fl-irkejjen tal-widien, moħbija mill-ħarsa tan-nies. Hija tinħeba minn jeddha taħt il-weraq bħallikieku ma teżistix. Il-qawwa tagħha tidher meta hija tinsa lilha nfisha għax konxja li dak li hi rċivietu mingħand Alla, u f'din l-umiltà kbira tagħha tinħakem kollha kemm hi mill-Maħbub tagħha.

Meta Alla ħares lejn l-umiltà tagħha, huwa għollieha 'l fuq billi żejjinha bi fwieħa ġentili u delikata tant li kull min jgħaddi minn ħdejha jibqa' mistagħġeb bla ma jifhem minn fejn hi ġejja din il-fwieħa misterjuża. Saħansitra meta tintrifes, troddlok billi toffrilek l-aħjar tagħha nnifisha, timliek bil-fwieħa ħelwa u partikolari tagħha minkejja li tkun weġġajtilha qalbha. X'eżempju ta' umiltà u ta' kobor quddiem l-għajnejn puri ta' Alla!

Ebda tempesta ma tista' tagħmlilha ħsara għax l-istess ċokon tagħha jħarisha. Hija l-iktar pjanta li hi mwarrba fil-bosk. Il-Mulej, mirbuħ minn din is-sempliċità fqajra, jitbissmilha u l-ħena tiegħu jikkontemplaha u jberikha. Il-weraq mibrum u l-kulur vjola simbolu tal-penitenza jġagħluk tilmaħ fiha l-glorja ta' Alla.

Jalla tkun int ukoll din il-fjura ċkejkna tal-Priġunier Divin fl-Ewkaristija u tikkonsla b'din il-fwieħa spiritwali tiegħek billi ssib l-għaxqa tiegħek fi ġmielu u tgħix f'armonija ħelwa miegħu. Kun umli fil-qalb, fil-ħars, fil-ħsieb u fuq il-fomm.



Iċċedix għall-egoiżmu tiegħek u għal imħabba diżordinata, u tħallix li d-dnub jorqod f'qalbek. Iżżegħilx bid-dnub li jneżżgħek mis-sbuħija li Alla żejnek biha mill-eternità. Insa lilek innifsek. Dan hu s-sigriet biex issir qaddis.

Alla li jitfa' dejjem ħarstu fuq l-umli, meta jara l-umiltà tiegħek, jagħfsek bil-qawwa tiegħu kollha mal-Qalb maħbuba tiegħu u jitbaxxa biex jimliek bil-bews qaddis. X'misteru tal-ġenn!

Ġorġi, il-qaddej umli, ikun għalik mudell li jmexxik f'din it-triq tal-umiltà, fejn fis-skiet ta' kull ħaġa maħluqa int tinsa lilek innifsek u b'hekk issir l-għaxqa ta' Alla u l-ferħ ta' Ġorġi tagħna fis-Sema.

# SAN ĠORĠ, MARTRI EWLIENI



O San Ġorġ, ħellies ta' Beltna,
ta' ħajjitna bidu u tmiem,
minn kull saram fis eħlisna,
ħnientek fl-hemm 'tina, u sliem.

Folol kbar ħabbibt ma' Alla,
sur wisq qawwi lemħu fik;
o qaddej tas-Sultan l-għoli,
ġnus kotrana rebħu bik.

℟. *Int l-għożża ta' Kristu,*
*int Martri ewlieni,*
*int tagħni 'l dal-poplu,*
*tkennu, u żżomm hieni.*

Pront warrabt il-ħajr tad-dinja,
ma ċħadtux fl-eqqel kefrija;
l-għadu mxajtan ried ifixklek
b'tant theddid, swat u ħruxija.

Ħalli mela nfaħħru 'l Ġorġi,
Kavallier kbir u setgħan;
għinna nibqgħu issa u dejjem
taħt mantarek b'talb ħerqan.

**Fra Ġorġ Grech ocso**
23 ta' April 2024

STORJA



# ID-DEKORAZZJONI TAS-SAQAF TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ: 1946-1959

George James Cutajar Zahra

Fl-1959 Gian Battista Conti lesta x-xogħol tiegħu tal-pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Mal-aħħar pinzellata tiegħu kien intemm il-proġett grandjuż tad-dekorazzjoni sħiħa tas-saqaf tal-istess Bażilika, li ta lil din il-knisja ċentrali tal-gżira dehra isbaħ u iktar maestuża. Dan kien 65 sena ilu. **George James Cutajar Zahra**, artist mill-Parroċċa tagħna ggradwat b'Baċellerat tal-Edukazzjoni fl-Istorja tal-Arti mill-Università ta' Malta, jagħtina l-istorja sħiħa fil-qosor.

Forsi l-ikbar proġetti ta' dekorazzjoni li qatt saru fil-gżira Għawdxija jibqa' msemmi dak li sar fis-saqaf tal-Bażilika ta' San Ġorg fid-diċennju ta' bejn is-snin 1946 u 1957. Il-proġett involva ħafna spejjeż u diversi nies, fosthom membri tal-istess parroċċa kif ukoll oħrajn ta' ġenju artistiku fejn tidħol l-arti tad-dekorazzjoni. Bla dubju ta' xejn l-ikbar żewġ persunaġġi li ħadu sehem sħiħ f'dan il-proġett kienu l-Professuri Ġużeppi Galea u r-Ruman Gian Battista Conti. Ix-xogħol sar kollu taħt is-sorveljanza tal-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai.

L-istorja tibda bix-xogħol fl-iskultura tal-koppla, liema xogħol inbeda fil-25 ta' Lulju 1946 minn Mikiel Borg, li kien ukoll megħjun minn ibnu Ġanni. Ta' min jgħid li d-dekorazzjoni fis-saqaf mhix kollha skolpita fil-ġebla. Barra minn hekk, hemm xi mkejjen li kellhom jiġu skolpiti fil-ġebla, speċjalment fejn jindħlu gwarniċi u gwarniċuni kif ukoll kustilji, ovalaturi, skallinar u arkitravi.





Il-maġġoranza tax-xogħol fil-pasta tas-saqaf sar fuq disinn tal-Professur Ġużeppi Galea. Galea kien mir-Rabat ta' Malta u dekoratur magħruf sew fil-gżejjer Maltin; fil-fatt insibu diversi xogħlijiet tiegħu madwar Malta u Għawdex. Ix-xogħol ta' Galea huwa mnebbaħ mill-istil Neo-Klassiku b'disinni ta' weraq eleganti u pulit u fl-istess ħin b'saħħithom imma mhux tant li jtellfu l-bqija tal-proġett, fosthom il-pittura. L-istess jista' jingħad għall-iskema ta' kuluri li Galea għażel għal dan il-proġett. Huwa kien inkarigat ukoll biex jaħdem l-iskultura tal-pasta fit-tafal kif ukoll il-forom tal-pastellina u l-mili bil-ġibs (*stucco*) tal-istess forom. It-tqegħid ta' din l-istess pasta kien jagħmilha wkoll il-Professur Galea. Ix-xogħol fiż-żebgħa sar il-biċċa l-kbira minn Tarċisju Buhagiar, parruċċan ħabrieki, flimkien ma' xi parruċċani oħrajn, taħt is-sorveljanza kontinwa tal-Professur Galea. L-induratura kienet saret minn Pawlu Francalanza, li kien mill-Belt Valletta. Galea kien ukoll irħama l-pilastri tat-tanbur tal-koppla kif ukoll kien ħadem l-arma li tinsab imdendla mal-gwarniċun ta' isfel tal-koppla. Din l-arma turi l-istemma tal-Papa Piju XII, il-Papa ta' dak iż-żmien.

Mingħajr dubju ta' xejn l-iktar dekorazzjoni li tispikka fil-proġett kollu hija l-pittura. Dan għaliex is-saqaf tal-Bażilika ta' San Ġorġ huwa mogħni b'pittura mill-ifejn li saret kollha kemm hi bejn is-snin 1948 u 1959 mill-idejn abbli tal-Professur Giovanni Battista Conti. Il-Professur Conti twieled f'Ruma, il-belt kapitali Taljana, u meta wasal Għawdex kellu madwar 70 sena. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li f'Għawdex Conti ħalliena l-ikbar biċċa xogħol fil-karriera twila tiegħu. Conti mhux xi artist ta' fama dinjija, imma għandna biex inkunu kburin li f'Għawdex għandna dan ix-xogħol tiegħu. Xogħlijiet oħra ta' Conti jinsabu wkoll f'seba' knejjes f'Ruma, fosthom il-Bażilika ta' San Camillo de Lellis u dik ta' San Crisogono. F'Malta nsibu wkoll xi xogħlijiet tiegħu, fosthom il-*Via Sagra* fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll kwadru u erba' lunetti f'Ta' Ġieżu, ir-Rabat, liema xogħol sar fl-awla tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Forsi l-ikbar biċċa xogħol li Conti kien sa jkollu f'Malta kienet il-koppla tal-Knisja tal-Lunzjata, il-Birgu. Din il-koppla kienet għadha lanqas inkixfet li ma ntlaqtitx mill-bombi tal-għadu fil-bidu tal-erbgħinijiet, u ftit kienu dawk li laħqu gawdew xogħol Conti f'din il-koppla.

Lura f'Għawdex, il-Professur Galea kien ilu snin jaf lil Conti u għalhekk kien jaf xi jsarraf; kien jaf ukoll li 'l quddiem ħadd mhu sa jiddispjaċih b'din l-għażla, u hekk hu. Fil-fatt kien il-benefattur tad-dekorazzjoni tal-koppla, Francesco Schembri, li wera x-xewqa li titpitter minn artist Taljan. L-għażla kienet ġiet diskussa mal-awtoritajiet involuti u f'Mejju 1948 Conti kien Għawdex. Huwa kien ġab xi xogħlijiet miegħu biex jintwerew lill-pubbliku, liema xogħol kien intlaqa' pożittivament.

Il-pittura ta' Conti tista' titqies ukoll Neo-Klassika, imma b'element aktar modern, speċjalment fejn jidħlu l-kuluri. Il-paletta ta' Conti hija definittivament nadifa, filwaqt li d-disinn fil-kompożizzjoni huwa wieħed b'saħħtu, elaborat u fl-istess ħin dekorattiv. Jingħad li hu kien jipprepara l-kuluri mill-ġurnata ta' qabel fuq karta xuga biex jissaffew minn żejt żejjed. Kien ukoll jagħmel użu minn ħafna stoċċijiet ta' kuluri differenti u ftit li xejn kien iħallat kuluri. Id-ditta taż-żebgħa li kien juża hija *Talents*, ditta famuża Olandiża li għadha tipproduċi ż-żebgħa sal-lum. Conti kien jagħmel użu elaborat ta' simboliżmu fejn jidħlu l-kuluri u l-għadd. Dan narawh kontinwament fil-kwadri tiegħu, speċjalment f'dawk tal-koppla.

Il-pittura kollha tas-saqaf hija mpittra fuq it-tila, li kienet inxtrat mill-Fontana u kienet titqiegħed fil-post mill-Professur Galea bil-kolla tal-bjankett. Il-kwadri tan-nofs, is-Santi Padri kif ukoll l-anġli kienu tqiegħdu wara li ġew impittra. Il-flieli tal-koppla, il-pendenti u l-arzelel tpittru kollha fil-post.

L-ewwel xogħol ta' Conti kien it-tmien flieli tal-koppla flimkien mal-erba' pendenti ta' taħtha. Fil-koppla naraw xeni mill-ktieb tal-Apokalissi ta' San Ġwann, suġġett li kien intgħażel mill-Arċipriet Cefai. L-erba' pendenti ta' taħt il-koppla juru erba' virtujiet: il-Karità, il-Qawwa, il-Fidi u s-Sagrifiċċju. Fil-pendenti Conti wera eċċellenza fil-kreattività u oriġinalità fl-interpretazzjoni ta' dawn il-virtujiet. Dawn kollha kienu l-ewwel biċċa mill-proġett kollu u nkixfu fit-18 ta' Diċembru 1949. Il-pittura tal-koppla u l-pendenti swew £1,400 u tħallsu minn Francesco Schembri.

Wara kien imiss is-sitt kwadri li llum naraw bi promimenza fis-saqaf tal-Bażilika urbana. Il-kwadri juru sitt xeni differenti mill-ħajja tal-kbir martri San Ġorġ: ħamsa minnhom juru meta kien għadu fil-ħajja materjali. Il-kwadri kollha tpittru fl-awla tal-istess Bażilika bejn is-snin 1950 u 1952. Il-kwadri mbagħad twaħħlu fil-post li narawhom fih illum f'April 1953. Huma xogħlijiet mill-isbaħ u jirraffiguraw lill-qaddis meta ċarrat l-editt li l-Imperatur Djoklezjanu kien ħareġ fis-sena 303 kontra l-Kristjani, u ieħor lil San Ġorġ iqassam ġidu lill-foqra filwaqt li jinfired minn niesu; it-tlieta l-oħra juru tliet martirji li San Ġorġ ingħata biex jiċħad twemminu: il-flaġellazzjoni, il-martirju tar-rota u dak tal-kalkara. Fil-kwadru tal-Kor naraw lil San Ġorġ flimkien mal-persuni kkonvertiti minnu. Il-kwadri sew £150 il-wieħed u tħallsu minn benefatturi diversi.

Imiss issa nagħtu ħarsa lejn il-qaddisin li Conti pitter għal maġenb it-twieqi. Dawn huma kollha qaddisin li kitbu fuq il-Martri ta' Lidda. Huma mpittra fuq sfond ta' damask aħdar, liema kulur ifisser ġieħ. Dawn swew £55 il-wieħed u jingħad li Conti pittirhom Ruma u bagħathom minn hemm.

Ma' kull kwadru tas-saqaf wieħed jista jara erba' anġli mill-isbaħ iżommu kartellun b'test bil-Latin. Conti kien magħruf






laterali naraw l-interċessjoni ta' San Ġorġ f'żewġ okkażjonijiet partikulari. Fl-arzella ta' fuq l-altar tal-Erwieħ naraw illustrazzjoni mill-aqwa tal-ġrajja tal-1492 (jew 1470 skont xi storiċi), meta l-Misilmin attakkaw il-gżejjer Maltin u ġew megħluba bl-interċessjoni tal-qaddisin Pawlu, Ġorġ u Agata, Patruni tal-gżejjer Maltin. Interessanti l-fatt li fuq ġenb ta' kantun li raġel qed jidher iwarrab mis-swar insibu skrizzjoni li tfakkar meta fis-26 ta' Ġunju 1956 il-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock kien żar ix-xogħol fuq din l-arzella, li eventwalment inkixfet kważi xahar wara. Fl-arzella opposta mbagħad naraw ġrajja marbuta direttament ma' gżiritna, proprju meta Għawdex fis-snin 1675 u 1676 inħeles mill-pesta bl-interċessjoni divina tal-qaddis Protettur tal-istess gżira. F'Malta l-pesta kienet qatlet tlitt elef ruħ f'perjodu qasir ta' disa' xhur. Din l-arzella nkixfet fis-sena 1957 u bħat-tnejn l-oħra li semmejna iktar lura swiet £1,000.

Fl-Arzella tal-Kor imbagħad naraw lill-qaddis San Ġorġ jiġi inkurunat bil-fjuri mit-Trinità Qaddisa fil-preżenza tal-Verġni Mbierka u ta' diversi qaddisin u profeti, flimkien ma' sfond spettakolari ta' anġli. Din l-arzella nkixfet fis-sena 1955 u swiet is-somma ta' £700. Ta' min jgħid li taħt din l-arzella tinsab oħra li kellha titgħatta minħabba raġunijiet ovvji. Din l-arzella kienet xogħol l-artist Malti Robert Caruana Dingli u kienet tinkorpora inqas figuri minn dik ta' Conti llum, li tgħodd madwar is-70 waħda.

bħala "l-pittur tal-anġli" u allura ma setax jonqos li f'dan l-ikbar proġett tiegħu ma jħallilniex dawn l-anġli mill-ifjen.

Mal-mitri fuq kull tieqa wieħed jista' jammira l-Appostli u l-Evanġelisti. Dawn swew £120 il-wieħed u magħhom nistgħu nerġgħu ngawdu aktar anġli li l-artist Ruman għoġbu jdaħħal fil-kompożizzjoni tagħhom. Ta' min jinnota li fost l-Appostli nsibu neqsin lil San Pietru u lil San Pawl; dawn imbagħad jinsabu fl-arzella tal-glorja.

L-arzelel huma opri spettakolari tal-arti. Fihom wieħed jista' jifli ħafna dettalji u elaborazzjoni li Conti kien jaf jagħmel sew u li jibqa' magħruf għalihom. Mingħajr ma nidħlu f'ħafna tifsiriet ta' x'fihom l-arzelel, nistgħu ngħidu li dawn juru l-kult, l-interċessjoni u l-glorja fis-Sema ta' San Ġorġ.

L-arzella tal-orgni nkixfet fis-sena 1958 u fiha naraw il-kult vast li San Ġorġ igawdi mill-Punent sal-Lvant. Naraw li kull figura tirrappreżenta lil xi nazzjon partikulari li fih jiġi meqjum il-Megalomartri, flimkien ma' San Girgor u Santa Ċeċilja, Patruni tal-kant Gregorjan u tal-mużika rispettivament. Fl-arzelel

Fi ftit kliem tajna titwila lejn l-istorja ta' dan il-proġett ta' dekorazzjoni li biddel kompletament id-dehra ġenerali ta' dik li llum nafuha bħala l-Bażilika ta' San Ġorġ, "il-knisja tad-deheb". Nistgħu ngħidu li dan il-proġett huwa ħolqa minn katina twila ta' xogħlijiet artistiċi ta' importanza li nsibu fil-Bażilika, liema post kien minn dejjem iċ-ċentru ta' kultura u arti kif ukoll il-post li laqqa' tant xogħlijiet importanti tal-arti minn kull żmien. Żgur li kull Ġorġjan li għandu għal qalbu l-kultura għandu jkun kburi b'dawn ix-xogħlijiet.

**Bibljografija**

Bezzina John, *Il-pittura fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Storja u tifsir*, Malta 1965.
Camilleri Joseph, *Sacred art at St George's Basilica*, f'Farrugia Joseph–Formosa Michael (Ed.), *SAN ĠORĠ. Volum enċiklopediku fuq San Ġorġ, martri*, Malta 2005.
Vella Apap Nikol, *Għeluq il-ħamsin sena mill-inwagurazzjoni tal-koppla monumentali tal-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat Għawdex (1949-1999)*, f'*Festi San Ġorġ 1999*, Malta 1999.




# IL-KOR LAUDATE PUERI FI VJENNA

Il-Kan. George J. Frendo, Direttur



Fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea bħala membru sħiħ u l-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill Permanenti tal-OCSC, l-E.T. Natasha Meli Daudey, Ambaxxatriċi ta' Malta għall-Awstrija, għoġobha tistieden lill-Kor tal-Bażilika tagħna biex jippreżenta kunċert li jippromovi t-talent lokali fil-belt ta' Vjenna, ikona tal-mużika Ewropea.

L-għażla ma tantx kienet diffiċli! Il-konnessjoni li tmur lura mhux ħażin fiż-żmien tal-Kor Laudate Pueri ma' Joseph Vella, kompożitur ewlieni, fost ħwejjeġ oħra fil-kamp mużikali lokali u barra minn xtutna, għamlet possibbli li x-xewqa tal-Ambaxxatriċi mhux talli seħħet, iżda marret 'l hemm mill-ogħla aspettattivi. Il-Kor għandu l-unur li jippossedi kompożizzjonijiet *a cappella* miktuba speċifikament għalih mis-Surmast Vella. Għaldaqstant fil-kunċert *Vella....A Cappella* li sar f'Votivkirche, knisja fuq stil Gotiku, nhar il-Ħamis 11 ta' April 2024, il-Kor interpreta mhux inqas minn 11-il motett sagru fil-preżenza ta' mistednin distinti, fosthom diversi ambaxxaturi, ambaxxatriċi u kapijiet ta' missjonijiet diplomatiċi mmexxija min-Nunzju Appostoliku u Dekan tal-Korp Diplomatiku l-E.T. l-Arċisqof Dr Pedro Lopez Quintana. Il-kunċert kien segwit b'*vin d'honneur* fejn il-mistednin urew l-apprezzament tagħhom għall-ġmiel ta' kant korali bit-timbru distint u proprju tal-Kor li jgħaqqad flimkien iċ-ċarezza u l-freskezza tal-vuċijiet ma' dizzjoni eżemplari, u l-ħlewwa flimkien mal-passjoni li huma tipiċi tat-temperament Mediterranju. Mill-kummenti li saru ħareġ ċar li l-Kor impressjona sew u għall-grazzja ta' Alla l-iskop intlaħaq, u kif!

Kien innotat minn diversi li l-ħoss partikolari tal-Kor hu ideali biex tinħoloq atmosfera ta' talb. Dan il-kumment hu ċertament







l-aqwa ċertifikat għall-Kor tagħna li nibet u żviluppa proprju fl-ambitu tal-Liturġija fil-Bażilika ta' San Ġorġ u qiegħed għas-servizz tagħha. Naturalment il-ġenjalità tal-kompożizzjonijet mill-aktar espressivi u ta' sbuħija kbira tas-Surmast Vella ġibdet l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Aħna mdorrijin bihom u saru parti minna. Għalhekk wieħed iktar japprezza l-kobor tas-Surmast Vella meta l-kompożizzjonijiet tiegħu joħolqu dak l-effett immedjat fuq udjenzi barranin. L-ispontanjetà, in-naturalezza u l-kantabbiltà tal-melodija u l-kapaċità teknika fil-kompożizzjoni li bihom kien mogħni Mro Vella jiżbqu kull limiti ta' insularità. Il-kompożizzjonijiet tiegħu huma lingwaġġ universali. Kulħadd hekk ħass u kulħadd hekk qal.

Kull meta u kull fejn il-Kor ippreżenta kunċerti, dejjem għalaq b'kompożizzjoni b'test Malti. Għal din l-okkażjoni sinifikattiva, il-Kor għalaq bl-innu *Riesaq il-lejl, Mulejja*, versi ta' Mons. Karm Psaila u kompożizzjoni ta' Mro Giuseppe Caruana. Is-Surmast Vella għamel arranġament tiegħu għal 4 vuċijiet femminili (SSAA) *a cappella*. Meravilja mill-kbar. Iċ-ċapċip ma setax jaqta'. Dan l-innu flimkien ma' innijiet oħra sbieħ immens tad-duo Psaila/Caruana b'arranġament SSAA ta' Mro Vella, il-Kor kien kantahom għall-ewwel darba fil-Katidral tal-Imdina f'Ottubru 1986 biex jiġu mfakkra l-25 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila. Minn dakinhar 'l hawn diversi ħarġu b'arranġamenti ta' dawn l-innijiet li huma patrimonju mhux biss tal-Knisja iżda ta' Malta. Bdew jiġu apprezzati aktar kif tassew jixirqilhom. Hu ta' sodisfazzjon kbir għall-Kor li kien strumentali biex ikunu vvalorizzati dawn il-ġojjelli ta' innijiet tant popolari fis-sens l-iktar profond tal-kelma.

Għal dan il-kunċert memorabbli kienu preżenti wkoll l-Arċipriet tagħna Joseph Curmi u s-Sinjura Nathalie Vella flimkien ma' binha Alan.

It-tieni appuntament korali kien Quddiesa Solenni ppreseduta minn Mons. Dr Joseph Zammit, Vigarju Ġudizzjali, fil-Jesuitenkirche, is-Sibt 13 ta' April. Din il-knisja fil-qalba storika tal-belt ta' Vjenna hija magħrufa mhux biss għall-ġmiel Barokk tagħha iżda wkoll għall-akustika perfetta tagħha. Matul il-quddiesa ġiet esegwita l-*Missa Brevis op. 40* (1984) għas-sezzjoni femminili tal-kor SSAA u motetti sagri proprji tal-Liturġija Paskwali ta' Domenico Bartolucci, li l-Kor tagħna wkoll rabat ismu miegħu għal aktar minn raġuni waħda. Ta' min isemmi li wħud li kienu attendew għall-kunċert fil-Votivkirche reġgħu ġew għall-quddiesa. Kienet ukoll preżenti l-Amabaxxatriċi Natasha Meli Daudey li baqgħet ġejja direttament mill-ajruport. Fi tmiem il-quddiesa l-Ambaxxatriċi għoġobha tindirizza l-Kor u wriet l-ammirazzjoni u l-apprezzament tagħha għall-mod impekkabbli tal-eżekuzzjoni tal-kant korali *a cappella* li ħalla impressjoni u għolla sew isem Malta f'din il-belt li hija mdorrija sew għas-sofistikazzjoni u l-perfezzjoni mużikali.

Għall-grazzja ta' Alla t-temp iffavoriena b'mod mhux mistenni. Dan għaliex kienu qed jistennew temp pjuttost xitwi, iżda ħareġ temp mill-isbaħ għal erbat ijiem sħaħ. Temp proprju tar-rebbiegħa b'antiċipazzjoni tas-sajf! Dan ippermetta li l-programm ta' sight-seeing imħejji b'reqqa mis-Sur George P. Cassar, tour leader ta' PMC Tours u membru tal-Kor, seta' jsir u jitgawda kollu sal-anqas tikka. Stajna nżuru s-siti storiċi li Vjenna hi tant magħrufa u mfittxija għalihom, bħalma huma Karlskirche, Wiener Staatsoper, Musikverein, Hotel Sacher, Hofburg Palace, Rathaus, Stadtpark u l-Katidral ta' San Stiefnu, fost oħrajn. Il-Ġimgħa 12 ġie organizzat day tour għall-belt famuża ta' Salzburg li m'għandha bżonn tal-ebda introduzzjoni. Isimha jitkellem waħdu. Naturalment ma naqasx il-ħin għal shopping ta' kull xorta, kif ukoll l-okkażjoni tad-deheb għal min attenda għall-kunċert tal-Wiener Philharmoniker fil-Muzikverein u l-opra *Simon Boccanegra* ta' Verdi fil-Wiener Staatsoper. Il-Ħadd 14 ħarġet ġurnata oħra sabiħa immens. Peress li t-titjira lura lejn Malta kien tard waranofsinhar, il-Kor seta' jgawdi l-ġmiel ta' Melk u l-Abbazija famuża li hija waħda miċ-ċentri reliġjużi u kulturali l-aktar rinomati u sinifikattivi mhux biss tal-Awstrija iżda wkoll tal-Ewropa.

Il-Kor kien akkumpanjat minn familjari u ħbieb li b'kollox kienu grupp ta' 55 persuna. Gratitudni partikolari lejn l-E.T. Natasha Meli Daudey tal-istedina, George Cassar (tour-leader), Deborah Maria Borg (Counsellor u Deputy Head of Mission), Joe Debono (uffiċjal fl-Ambaxxata), Dun Joseph Farrugia (Kappillan ta' Votivkirche) u s-Superjur tal-Ġiżwiti (Jesuitenkirche). Kienet mawra kulturali ta' livell għoli li kompliet fid-damma ta' mawriet simili li l-Kor kellu l-grazzja li jagħmel matul is-snin u li matulhom mhux biss ħareġ bl-unuri iżda seddaq isem Għawdex u Malta fl-aqwa ċentri reliġjużi u kulturali fl-Ewropa u fi New York.

*Soli Deo Gloria!*

*Ritratti: Jason Borg*





# PRESIDENT TA' MALTA MILL-PARROĊĊA TAGĦNA






Nhar il-Ħamis 4 ta' April 2024, il-Parroċċa Ġorġjana tal-Belt Victoria bi kburija ferħet f'jum il-ġurament tal-ħatra ta' waħda minn uliedha bħala l-11-il President tar-Repubblika ta' Malta.

In-Nutar Dr Myriam Spiteri Debono ġiet mgħammda fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria dakinhar stess li twieldet, fil-25 ta' Ottubru 1952, mill-Arċipriet Mikiel Cefai. Hawn ukoll ingħaqdet fis-Sagrament taż-Żwieġ fl-24 ta' Frar 1979. Id-dar tal-familja paterna tagħha tinsab fi Triq Vajrinġa, fil-qalba tar-Rabat ta' Għawdex.

Anki r-raba' President ta' Malta, Dr Ċensu Tabone, it-tieni Għawdxi fil-Presidenza ta' Malta, kien mgħammed fil-Parroċċa ta' San Ġorġ nhar it-2 ta' April 1913.

Minn hawn insellmu lill-President uxxenti Dr George Vella, it-tieni President ta' Malta bl-isem ta' Ġorġ, li iktar minn darba onorana bil-preżenza tiegħu fil-Pontifikal tal-Festa ta' San Ġorġ.

L-imħabba tal-Eċċellenza Tagħha Spiteri Debono lejn San Ġorġ, il-Patrun tal-Għawdxin, ma taħbihiex. Jixhed għal dan ritratt li ċċirkola ħafna fl-aħħar ġimgħat fejn tidher qed tagħti intervista minn darha, bi statwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel fl-isfond. Madeleine Vella Satariano, artista Maltija u ġara tal-Familja Spiteri Debono f'Birkirkara, qasmet magħna ritratt ta' pittura li ħadmet għall-President, fuq xewqa tagħha stess, u li turi lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel.




N.

Anno Domini Millesimo Nongentesimo

Die Mensis

Ego

baptizavi infantem nat. m hora

ex filio

et filia

Paroeciae coniugibus legitimis cui impositum est

nomen

Patrini fuerunt

filius Paroeciae

et filia

Paroeciae

Pro fide, Ego Parochus

Nitolbu lil San Ġorġ, il-qaddis li kull darba li nħarsu lejn il-Bandiera Nazzjonali narawh iperper setgħan fuq l-ilwien li jiddistingwu lil pajjiżna, biex iħares lil din il-bint tal-parroċċa tiegħu u jagħtiha d-dehen fit-tħaddim tal-ogħla uffiċċju tan-Nazzjon Malti, biex b'kuraġġ ta' sur tippromovi dejjem il-valuri Nsara li sawru li "din l-art ħelwa".



Madeleine Vella Satariano, *San Ġorġ fuq iż-Żiemel*, akrilik fuq it-tila, Marzu 2023, kollezzjoni privata tal-Familja Spiteri Debono (https://madeleinevellasatariano.mt).



# NEPUTI TA' CONTI JŻUR IL-BAŻILIKA



Rose Cefai, waħda mill-voluntiera li sa ftit xhur ilu kienet tagħti s-servizz tagħha fil-Bażilika waranofsinhar waqt il-ħin taż-żjarat tat-turisti, xtaqet taqsam mal-qarrejja esperjenza ħelwa li kellha xi xhur ilu, fejn jidher li wieħed mill-viżitaturi kien fil-fatt neputi tal-mibki Professur Ruman Gian Battista Conti, li ħallielna l-ġmiel ta' pitturi li għandna jżejnu s-saqaf tat-tempju Ġorġjan.

*"Kienet il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju 2023. Kienu kważi t-3.00pm, il-ħin biex inżarma. Daħlu raġel u żewġ nisa puliti. Ir-raġel ġie għal fuqi, urieni ritratt u staqsieni jekk kontx nafx lil dak ir-raġel. Għidtlu: 'Dak Gian Battista Conti!'. Qalli: 'Dak in-nannu tiegħi'. Ħasadni, u fraħtlu li għamlilna knisja daqshekk sabiħa. Dar mal-knisja u ħa ħafna ritratti. Fil-knisja inzerta kien hemm Karmenu Cremona, li ħadu fis-sagristija biex jurih il-pittura tal-profil ta' Conti. Feraħ ħafna u Karmenu ħadu fil-ħanut tiegħu u tah xi ritratti tal-knisja. Ħasra li kienu mgħaġġlin ħafna u ma kellix ċans inkellmu wisq.'*

U ladarba nqalgħet l-okkażjoni, ma' din it-tagħrifa qed inġibu ritratti tad-diversi abbozzi artistiċi tal-Professur Conti (mhux kollha eventwalment irrealizzati fi kwadri) li dehru għall-ewwel darba f'żewġ wirjiet separati: *The Conti Collection* (26 ta' Awwissu – 19 ta' Settembru 2018) u *The First Ten Years* (11 ta' Frar – 19 ta' Marzu 2023). Dawn ingħataw b'donazzjoni lill-Mużew tal-Bażilika Il-Ħaġar: biċċa minnhom tħallew fl-1971 minn Ġanni Galea "lill-futur Mużew ta' San Ġorġ" permezz tas-Sinjura Vicky Xuereb, waqt li oħrajn tħallew fl-2017 mill-mibki Mons. Carmelo Scicluna wara mewtu. Sas-sena l-oħra stess is-Sur Mark Schembri ta donazzjoni ta' xi oħrajn li żdiedu mal-kollezzjoni imprezzabbli ta' abbozzi ta' Conti.







# INAWGURAT IL-PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAS-SALA PARROKKJALI





Fl-20 ta' Frar 2024, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar Clint Camilleri inawgura l-proġett ta' riġenarazzjoni tas-Sala Parrokkjali biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria.

Il-Ministru stqarr li dan il-proġett infrastrutturali ser ikompli jsaħħaħ il-prinċipji u l-valuri fi ħdan il-komunità li jilqa' dan is-sit. Kompla li dan il-proġett ser joħloq ukoll aktar opportunitajiet ta' turiżmu reliġjuż, li hija niċċa turistika b'saħħitha fil-Gżejjer Maltin u ċertament hemm il-potenzjal li tkompli tissaħħaħ.

Huwa kompla jispjega li r-riġenerazzjoni ta' din is-sala sar b'investiment ta' madwar €100,000 fejn permezz tal-iskema *Restoring and Upgrading Venues with the Capacity to Host MICE Events in Gozo*, il-proġett ibbenefika minn kważi €50,000, hekk kif l-iskema tiffinanzja 50% tal-ispejjeż sa massimu ta' €50,000.

Permezz ta' dan l-investiment, ġie installat lift sabiex b'hekk is-sala tkun aktar inklużiva u aċċessibbli, ġew installati wkoll sistema ta' arja kkundizzjonata u aperturi ġodda, inxtara apparat awdjoviżiv, saru diversi xogħlijiet ta' finishings varji fis-sala u l-immodernizzar tal-faċilitajiet sanitarji.

Il-Ministru Camilleri rringrazzja lil kull min ta sehmu f'dan il-proġett, b'mod speċjali l-Arċipriet tal-Parroċċa Joseph Curmi u l-kollaboraturi tiegħu, u lit-tim fi ħdan id-Direttorat tat-Turiżmu u l-Iżvilupp Ekonomiku fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

Għall-inawgurazzjoni kienu preżenti l-membri tal-Presbiterju Parrokkjali wara l-laqgħa tagħhom.







MILL-ARKIVJU

# KARTI VOLANTI TAL-FESTA

## MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (11)

Toni Farrugia


TIFHIR
LIL SAN GIORG MARTRI
FIL FESTA TIGHU ILLI TIGI ICCELEBRATA B'POMPA CBIRA
FIL PARROCCIA TA GHAUDEX FIL 10 TA MEJJU TAL 1925.

Karta Volanti tal-Festa ġentilment mogħtija lill-Arkivju minn Toni Grech.

Jekk immorru lura fiż-żmien lejn is-seklu 17 u 18, dawn il-festi kienu okkażjonijiet ferm aktar modesti u l-poplu li kien jiċċelebrahom fil-parti l-kbira tiegħu ma kienx jaf jaqra u jikteb, allura ma kienx hemm skop li jinkitbu sunetti għalihom. In-nuqqas ta' stamperija f'Malta żgur li ma għenx. Meta reġgħet fetħet l-istamperija f'Malta fl-1756, insibu li għalkemm ġie stampat bosta materjal b'tema reliġjuża, is-sunetti stampati ma kinux f'ġieħ il-qaddisin. Hekk kif fis-seklu 19 il-festi bdew aktar jiżviluppaw u bdiet tiżdied ftit ftit l-edukazzjoni, aktar bdew isiru popolari s-sunetti miktubin fl-okkażjoni tal-festi f'ġieħ il-qaddisin. Il-libertà tal-istampa fl-1839 u l-ftuħ ta' aktar stamperiji għamilha aktar faċli li wieħed jistampa. Maż-żieda tal-popolarità tal-festi u s-sunetti, bdew jinkitbu bosta xogħlijiet letterarji fil-forma ta' poeżija f'ġieħ il-qaddis u jiġu stampati fuq karti volanti. Dawk kienu laħqu ħadu l-isem ta' sunetti anki meta ma kienx ikollhom il-forma poetika proprja ta' sunett. Ġeneralment dawn il-poeżiji kienu jkunu stampati fuq karti rqaq ħafna kkuluriti u mżejnin ħafna [qishom maktur bħal dak li qed nippubblika ma' dan l-artiklu]. Dawn kienu jitqassmu fil-knisja waqt il-paniġierku u anki jitwaddbu waqt il-ħruġ tal-istatwa minn fuq il-bejt tal-knisja. Anki f'każi meta jitwaddbu karti żgħar vojta biex joħolqu l-briju, dawn xorta jissejħu 'sunetti'.

Matul Frar 2023, fil-Ministeru għal Għawdex inżammet wirja bit-tema *Sunetti: Minn Fomm u Qalb il-Poplu*. Is-sunetti kienu jkopru diversi oqsma: sunetti dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565, sunett ta' Giovan Francesco Buonamico (it-tieni l-eqdem kitba bil-Malti), sunetti mal-*Calendimaggio* (ċelebrazzjoni li kienet issir fit-30 ta' April matul is-seklu 18 fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt Valletta, f'ġieħ il-Gran Mastru), sunetti miktubin għall-prietki, sunetti għall-ewwel tas-sena u l-Karnival, sunetti teatrali, sunetti stampati fl-ewwel kotba stampati f'Malta, u sunetti b'tema politika jew satiriċi.

Il-wirja kienet tinkludi wkoll sunetti f'ġieħ il-qaddisin. Hawn taħt se nikkwota fl-intier tagħha s-sezzjoni mill-katalgu tal-wirja dwar dawn is-sunetti.

**Riferenza**

Cassar George J., "Is-Sunetti fil-Festi Patronali", f'*Festi San Ġorġ 2019*, Soċjetà Filarmonika La Stella, 2019, pp. 97-99.

# IL-PJANETA 'TAL-PAPA BENEDITTU'

Sem. Samuel Aquilina



Fost l-għadd ta' affarijiet marbuta mas-suċċessuri ta' San Pietru li għandha l-Bażilika ta' San Ġorġ, hemm l-hekk imsejħa "pjaneta tal-Papa Benedittu". Din il-pjaneta hija magħmula minn drapp dehbieni, bi stoluni fuq in-naħa ta' quddiem u wkoll fuq in-naħa ta' wara, meħjuta minn satin aħmar imżejjen b'disinni rrakkmati bil-ħajt tad-deheb. Fuq l-istolun ta' wara, fuq in-naħa ta' isfel nett, il-pjaneta hija mżejna bl-istemma tal-Papa Benedittu XVI.

Din il-pjaneta ġiet irregalata lill-Bażilika Ġorġjana fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali ta' Mons. Alfred Xuereb. Fi tmiem quddiesa solenni ta' radd il-ħajr li ċċelebra nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 2009 fil-11.00am, Mons. Xuereb kien ippreżenta din il-pjaneta lill-Parroċċa.

Fid-diskors li għamel waqt li ppreżentaha, Mons. Xuereb kien qal li din il-pjaneta kienet qed tiġi mogħtija mill-Papa Benedittu proprju b'ringrazzjament min-naħa tiegħu lejn il-parroċċa li minnha ħareġ Mons. Xuereb, li f'dak iż-żmien kien iservi lill-Papa fil-pożizzjoni tat-tieni Segretarju Personali.

## NIFIRĦU LIL...

• Is-seminarista **Samuel Aquilina**, mill-Parroċċa tagħna, li nhar Ħadd il-Kelma ta' Alla, 21 ta' Jannar 2024, irċieva l-Ministeru tal-Lettorat mill-Isqof Anton Teuma, flimkien mas-seminarista Marlon Victor Bajada, fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar.



• Il-Kan. **Geoffrey George Attard**, li fit-2 ta' Frar, Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, waqt Konċelebrazzjoni Solenni fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, ġie mogħti l-vestizzjoni bħala Kappillan Maġistrali tal-Ordni ta' San Ġwann.

• L-E.T. Dr **Myriam Spiteri Debono**, bint il-Parroċċa tagħna, li fl-4 ta' April, fil-Palazz tal-Gran Mastru, il-Belt Valletta, ingħatat il-ġurament bħala l-11-il President ta' Malta.



ATTWALITÀ



# ŻEWĠ ATTIVITAJIET TA' FORMAZZJONI

## GĦALL-PARTEĊIPANTI FIL-PURĊISSJONI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira li jorganizza l-Purċissjoni tal-Passjoni li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ din is-sena ħa inizjattiva sabiħa biex il-parteċipanti żgħar jifhmu iktar is-sens u s-simboliżmu tagħha.

Is-Sibt 9 ta' Marzu filgħodu fil-Bażilika saret l-ewwel attività ta' tagħlim u formazzjoni għat-tfal, immexxija minn animaturi żgħażagħ tal-Parroċċa tagħna. Kienet okkażjoni sabiħa fejn it-tfal setgħu jifhmu aħjar is-sens veru tal-festi kbar li niċċelebraw fil-Ġimgħa Mqaddsa.

Imbagħad il-Ħadd 17 waranofsinhar saret it-tieni attività ta' formazzjoni, din id-darba fil-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra. Din tmexxiet mill-Arċipriet il-Kan. Richard N. Farrugia li ħejja riflessjonijiet marbuta ma' kull vara tal-Passjoni li kienu armati fl-istess knisja. Barra minn hekk, Noel Vella, li huwa wieħed mill-organizzaturi tal-festi tal-Għid fil-Parroċċa tax-Xagħra, qasam ukoll mat-tfal ftit tagħrif fuq l-istess vari. Fl-aħħar tqassam ktejjeb interessanti fuq il-Purċissjoni tax-Xagħra lit-tfal kollha preżenti.

Hekk it-tfal tagħna setgħu jkomplu jiskopru l-valur kbir ta' dak kollu li għamel għalina Ġesù fil-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħu.








# KEMM APPUNTAMENTI TAL-MUŻEW TAGĦNA!

## MUŻEW TAGĦNA, MUŻEW GĦAL KULĦADD





Antoine Vassallo, President tal-FBV

Fis-**26 ta' Jannar** il-vetrina f'livell -1 tas-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex (li rġajna ospitajniehom għal-Laqgħa Ġenerali Annwali wkoll) kellha għażla sabiħa ta' *"First Flights"*: ittri u kartolini li ntbagħtu fl-ewwel titjiriet tal-Kumpanija Nazzjonali lejn bliet differenti. L-'iskuża' kienet il-fatt li l-Air Malta waslet fi tmiem l-istorja tagħha.



Fis-**27 ta' Jannar** kellna l-ftuħ ta' Wirja kollettiva, ikkordinata minn Austin Camilleri, *F'Unknown Prescription*, fejn madwar 70 biċċa ta' Mario Abela, Charles Balzan u Justin Falzon esploraw ideat ta' tranżizzjoni u frammentazzjoni fejn pitturi, ritratti u oġġetti tridimensjonali "ddjalogaw mal-esibiti" fil-kollezzjoni permanenti. Kitbiet tal-kuratur, ta' Maria Frendo, ta' Niki Young u ta' Gabriel Zammit fil-katalgu (GEMS 28) spjegaw sew l-importanza ta' dawn ix-xogħlijiet innovattivi. Għajnuna waslet mill-Gozo Action Group Foundation, permezz tal-programm b'fondi Ewropej LEADER.
Fit-**3 ta' Frar** saret il-preżentazzjoni ta' ktieb ta' Michael Refalo *At the Margins*. Dr Refalo ta ħjiel u eżempji tal-kontenut: aspetti traġiċi u diffiċli tal-istorja soċjali tal-gżejjer tagħna fis-seklu 19, b'enfasi fuq dak li normalment jiġi mwarrab.
Fl-**10 ta' Frar**, ftit jiem biss qabel il-25 anniversarju mill-mewt fl-età ta' 90 sena tal-poeta u awtur magħruf Ġorġ Pisani, nedejna sett ta' żewġ volumi b'għażla mill-kitbiet tiegħu fiċ-Ċentru Kulturali Il-Ħaġar. Siltiet inqraw minn Joseph Camilleri, Joe M. Attard u Joseph W. Psaila, instemgħu rikordings bil-vuċi tal-awtur u tkellem ibnu n-Nutur Paul George Pisani. L-eks Ministru u Spiker Anton Tabone (li jiġi mill-familja) ta messaġġ konkluživ.
Ma' **Frar** fakkarna b'sensiela ta' attivitajiet l-anniversarju tal-inawgurazzjoni fit-23 ta' Frar 2013, kif ukoll il-memorja tas-Surmast Joe Vella li miet sitt snin ilu.
**Fit-23** il-Prof. James Corby ta s-Sitt Konferenza Annwali f'ġieħ il-Professur Vella: *Artificial Inspirations: Technology, the Arts and Us*. Immedjatament wara nfetħet wirja dokumentarja b'għażla oħra mill-Arkivju Vella, din id-darba b'tużżana kompożizzjonijiet għall-istrumenti tan-nifs. Għall-okkażjoni, Joseph Said f'isem il-Lombard Bank wassal donazzjoni ta' għaxar disinni li kien għamel Gian Battista Conti għal San Ġorġ.
L-għada offrejna esperjenza prattika għat-tfal mal-artisti Mario Abela u Justin Falzon. Filgħaxija l-Awla Mons. Giuseppe Farrugia fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' San Ġorġ ospitat kunċert minn Godfrey Mifsud u l-Kwartett Cordia ppreżentaw żewġ xogħlijiet ta' Joseph Vella, flimkien ma' kompożizzjoni ta' Mozart.
**Il-Ħadd 24**, il-fundatur ta' Il-Ħaġar Mons. Ġużeppi Farrugia ċċelebra quddiesa ta' ringrazzjament fil-Bażilika ta' San Ġorġ bil-kant tal-Kor Laudate Pueri. Wara nżamm Pranzu tradizzjonali f'Ta' Frenċ.
Fit-**2 ta' Marzu** l-Arċisqof Charles J. Scicluna reġa' żarna biex jara l-esibiti temporanji. Iddawwar mill-Kan. George J. Frendo. Filgħaxija ġie ppreżentat kunċert minn Noel Beck (klarinett), Fiorella Camilleri (flawt) u Anne Marie Podestà (arpa). Offrew biċċiet ta' Bizet, Buchtel, Debussy, Fauré, Frances-Hoad, Poston, Saint-Saëns u Shostakovich.
Fis-**6 ta' Marzu** lqajna lil studenti mill-Iskola tal-Arti għal esperjenza prattika, immexxija minn Sonia Scerri, madwar l-esibizzjoni kollettiva *Unknown Prescription*. Fl-istess jum żewġ gruppi separati (għalliema Sqallin u pellegrini Franċiżi) għamlu żjarat madwar il-mużew li impressjonahom ferm.



Fis-**7 ta' Marzu** ġara dak li probabbli jiġi kkunsidrat l-ikbar fatt 'storiku': il-ġarr ta' "San Ġorġ tal-Ħaġar" minn quddiem is-Sorijiet Dumnikani fi Triq Enrico Mizzi. Se jkollu proċess ta' restawrar għax ma hu xejn f'kundizzjoni tajba!
Fid-**9 ta' Marzu** offrejna taħdita mill-istoriku l-poeta Charles Bezzina. Ta informazzjoni dwar il-preżenza militari f'Għawdex waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, b'analiżi kif is-suldati barranin irnexxielhom jintegraw fis-soċjetà tagħna.
Fis-**16 ta' Marzu** t-tabib Mario Saliba għamel konferenza riċerkata dwar il-pandemija li nirreferu għaliha bħala l-Influwenza Spanjola, b'enfasi fuq dak li seħħ fi gżiritna fl-1918 u l-1919.
Fit-**23 ta' Marzu** saret il-preżentazzjoni ta' *The Ice Way*, ktieb fotografiku ta' Alessandro Bergamini dwar spedizzjoni fil-Ħimalaya. Iktar tard fetħet wirja b'għażla ta' xogħlijiet tiegħu f'ristorant fin-Nadur. Iż-żewġ okkażjonijiet għamlu parti mill-*Malta Biennale*.
Sintendi Il-Ħaġar ippartеċipa bħas-soltu fl-inizjattiva għall-**Għid** tal-Ministeru għal Għawdex, b'żewġ wirjiet. Karmnu Farrugia esibixxa purċissjoni tradizzjonali ddur mar-Rabat li ħadem ftit ftit matul numru kbir ta' snin minn 'pasturi' li juru vari fuq l-ispallejn, tfal biż-żummarra, kanonċi, bandisti u bosta

parteċipanti oħra: xi mitejn b'kollox. Is-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex uriet firxa ta' bolli u kartolini tematiċi.

Fis-**6 ta' April** l-artist Charles Balzan mexxa dawra madwar l-esibiti tiegħu fil-wirja kollettiva ma' Mario Abela u Justin Falzon fl-aħħar jiem tagħha.

Fid-**9 ta' April** is-Soċjetà Filatelika ta' Għawdex bdiet turi għażla ta' bolli Ingliżi ta' żmien ir-Reġina Victoria użati f'Malta fil-vetrina li għandha. Din hi parti mid-donazzjoni li taha d-dilettant kbir tal-Melitensia Wolfgang Juncker. Jinkludu ittra mibgħuta lejn Ruma mill-Isqof ta' Għawdex Pietru Pace.

Fit-**13 ta' April** ospitajna taħdita mil-lettur tal-Istorja Charles Dalli organizzata mill-Grupp Universitarju Għawdxi. Ta ħarsa interessanti lejn episodji ta' attakki u rvellijiet fi gżiritna tul il-Medjuevu.

Fis-**27 ta' April** ftaħna esibizzjoni temporanja kbira b'ġabra kbira ta' xogħlijiet ta' Ġużeppi Galea għal San Ġorġ, fejn dan id-disinjatur u dekoratur prominenti li miet fl-1993 għamel żmien twil jaħdem u anki jikkollabora ma' Conti. Dawn id-disinni – anki tal-mazza kapitulari u tat-tintinnablu – iffurmaw donazzjoni minn ulied l-artist lill-Parroċċa Ġorġjana. Il-wirja inkludiet ukoll xi abbozzi ta' Conti li ġew akkwistati bis-sapport finanzjarju tal-Lombard Bank. Bħas-soltu l-esibiti huma stampati fil-katalogu flimkien ma' kitbiet dwarhom (GEMS 29).



# SAN ĠORĠ TAGĦNA DAĦAL ĠEWWA

San Ġorġ tagħna m'għadux barra
biex jaffronta xita, rjieħ;
imm'issa daħħalnieh ġewwa,
f'post li jixraq u sabiħ.

U sibt ruħek ġewwa l-Ħaġar
biex jarawk tant mistednin
illi ta' spiss jiġu fostna
sabiex jgħaddu ftit tal-ħin.

Għal snin twal fuq ħajt imqiegħed
faċċata tad-Dumnikani,
fil-qalba tal-Belt Victoria
tindokra lill-fqir, lill-għani!

Minn quddiemek jien kont ngħaddi,
dan għadni nagħmlu sal-lum;
bla ma rrid kont nitfa' ħarsti
fuq Suldat qawwi, Tribun.

Tinsab issa qrib it-tempju
li bnejnielek tul is-snin
fejn insibu l-vara tiegħek –
l-għors u l-ġawhra tal-Għawdxin.

Fil-Mużew sa ssib tant opri
li maż-żmien tawna tant ħbieb;
issa itfa' ħarstek fuqhom
kif jidħlu mill-ġewwa l-bieb!

Dik it-triq li tant laqgħetek
issa sabet ruħha orfni
biex qrobt iktar lejn iċ-Ċentru
fejn neħtieġu paċi u ordni.

Mill-Ħaġar fejn tinsab kenni,
itfa' ħarstek fuq l-Għawdxin:
żommhom taħt il-ħarsa tiegħek
mal-medda ħelwa tas-snin!

**Il-Kav. Joe M. Attard**
Marzu 2024

*Din il-poeżija nkitbet fl-okkażjoni ta' meta fis-7 ta' Marzu 2024 l-istatwa antika tal-ġebel ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, li oriġinarjament kienet tinsab f'kantuniera bejn żewġ toroq fil-ħâra bl-istess isem, u wara għal bosta snin fuq ħajt faċċata tas-Sorijiet Dumnikani ta' beltna, fuq inizjattiva tal-Mużew Il-Ħaġar ġiet ittrasporata fil-binja tiegħu maġenb il-Bażilika Ġorġjana, fejn se jsir fuqha r-restawr meħtieġ u tibqa' tinżamm fih. Fil-post fejn kienet fi Triq Enrico Mizzi, l-iżviluppaturi tal-binja kkommettew ruħhom li titpoġġa replika tagħha. Kif qalulna storiċi bħal Pawlu Mizzi, il-kelma 'ħaġar' fl-isem tal-istatwa kif ukoll tal-inħawi – u eventwalment ukoll tal-Mużew tal-Bażilika – ma hux riferiment għal xi ġebel kbir megalitiku, imma għal wieħed mill-eqdem 'settlements' urbani tal-belt u tal-gżira fil-qalba Medjevali tar-Rabat.*



# MID-DJARJU PARROKKJALI

JANNAR-APRIL 2024



KRONAKA

Andrew Formosa

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-Isqof ta' Għawdex Anton Teuma mexxa l-Pontifikal Solenni tal-Ewwel tas-Sena fis-Solennità ta' Marija Omm Alla.
**» 8 ta' Jannar**
Beda t-Tberik tal-Familji mill-Arċipriet u saċerdoti oħra tal-Parroċċa.
**» 11 ta' Jannar**
**6.00pm:** Il-grupp ta' studenti li kienu qed jitħejjew għall-Griżma tal-Isqof għamlu żjara lill-Kunvent ta' Santu Wistin, fejn il-Pirjol Patri Adeodato Schembri OSA dawwarhom mal-post u fissrilhom x'inhi l-ħajja reliġjuża.
**» 21 ta' Jannar**
**8.30am:** Is-seminarista tal-Parroċċa Samuel Aquilina ngħata l-ministeru tal-Lettorat mill-Isqof Anton Teuma fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, il-Munxar.
**» 25 ta' Jannar**
**6.30pm:** F'rabta mal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl, saret iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Qrara għat-tfal li kienu qed jippreparaw għall-Ewwel Tqarbina.
**» 31 ta' Jannar – 2 ta' Frar**
**5.30pm:** Mons. Joseph Zammit mexxa l-Quddies Solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa tal-Madonna ta' Lourdes.
**» Fi tmiem Jannar**
Is-seminarista Marvic Mallia, mill-Parroċċa tal-Imqabba, temm l-esperjenza tiegħu tas-Sena Intermedjarja fil-Parroċċa tagħna, biex mar ikompli l-esperjenza tiegħu fil-missjoni tal-Isqof Giovanni Cefai MSSP fil-Perù.
**» 2 ta' Frar**
**7.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej.
**» 3 ta' Frar**
**5.30pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Festa tal-Madonna ta' Lourdes.



**» 14 ta' Frar**
**5.30pm:** F'Ras ir-Randan, l-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni li fiha sar ir-Rit tat-Tqegħid tar-Rmied.
**» 18 ta' Frar**
**Filgħodu:** Fis-Sala Parrokkjali, l-Arċipriet u l-animaturi tal-Mixja tat-Tħejjija għaż-Żwieġ iltaqgħu mal-ġenituri tal-għarajjes li qed jippreparaw għaż-żwieġ fil-Parroċċa.
**» 19-23 ta' Frar**
**4.15pm:** Dun Gabriel Gauci mexxa l-kors tal-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għal kulħadd fil-Bażilika.
**» 21 ta' Frar**
Ġiet inawgurata uffiċjalment it-tlestija tal-proġett tas-Sala Parrokkjali Mons. Emanuel Mercieca mill-Arċipriet Joseph Curmi u l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onor. Clint Camilleri, fil-preżenza tal-Presbiterju Parrokkjali li kien għadu kemm iltaqa'. Is-sala issa ġiet attrezzata aħjar biex taqdi l-ħtiġijiet pastorali u l-laqgħat tal-gruppi, b'dehra iktar moderna.
**» 24 ta' Frar**
**Waranofsinhar:** L-abbatini tal-Parroċċa, akkumpanjati mill-propedewtiku Simon Zammit, kellhom Via Sagra għalihom fuq l-Għolja Ta' Għammar.
**» 26-29 ta' Frar**
**7.30pm:** Dun Krystof Buttigieg mexxa l-kors tal-Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għall-Miżżewġin fil-Bażilika. Fl-istess ħin, Wallace Camilleri flimkien mal-katekisti tal-Parroċċa mexxew l-Eżerċizzi Spiritwali għat-Tfal fis-Sala Parrokkjali.
**» 1-3 ta' Marzu**
Sar irtir tar-Randan għall-koppji miżżewġin tal-Parroċċa.
**» 9 ta' Marzu**
**3.00pm:** Saret l-ewwel attività ta' formazzjoni għat-tfal parteċipanti fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Din saret fil-Bażilika u tmexxiet mill-animaturi żgħażagħ tal-Parroċċa.
**» 14 ta' Marzu**
**6.00pm:** Ftit jiem qabel il-Festa tal-qaddis, l-istudenti tal-Griżma tal-Isqof għamlu l-laqgħa tagħhom fil-Kappella ta' San Ġużepp, fiċ-Ċittadella.
**» 15 ta' Marzu**
**8.00pm:** L-Arċipriet iċċelebra quddiesa fir-Ritz Bar indirizzata għaż-żgħażagħ li jinġabru hemm għad-divertiment.
**» 16 ta' Marzu**
Sar live-in tar-Randan għall-grupp tat-23four 18+.
**» 17 ta' Marzu**
Saret it-tieni attività ta' formazzjoni għat-tfal li kienu ħa jipparteċipaw fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, billi saret żjara fil-Bażilika ta' Marija Bambina, ix-Xagħra, u mument ta' katekeżi mmexxi mill-Arċipriet Richard N. Farrugia.
**» 19 ta' Marzu**
Saret ħarġa għal Malta għall-membri tal-Parroċċa.
**» 22-24 ta' Marzu**
Sar live-in tar-Randan għall-grupp tat-23four Forms 3 sa 5.
**» 24 ta' Marzu**
**10.30am:** Fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' San Ġakbu sar it-Tberik tal-Palm u ż-Żebbuġ mill-Arċipriet, mnejn imbagħad telqet purċissjoni qasira għall-Bażilika. Hawn fil-11.00am hu mexxa l-Konċelebrazzjoni Solenni ta' Ħadd il-Palm.

**» 25 ta' Marzu**
**6.00pm:** L-Arċipriet mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Wara, sar il-Pellegrinaġġ parrokkjali bl-istatwa ta' Ġesù Redentur sal-Bażilika.



**8.00pm:** Inżamm fil-Bażilika l-Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Banda Ċittadina La Stella, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Dr John Galea.
**» 26 ta' Marzu**
**8.00pm:** Saret Ċelebrazzjoni Penitenzjali għall-parteċipanti kollha tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li tmexxiet minn Mons. Carmelo Refalo. Wara, sar get-together fl-annex taċ-Ċentru Parrokkjali għall-parteċipanti kollha.
**» 27 ta' Marzu**
**7.00pm:** Saret Via Crucis b'adorazzjoni, talb ta' maħfra u qrar fil-Bażilika.
**» 28 ta' Marzu**
**5.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej nhar Ħamis ix-Xirka. Fi tmiem il-quddiesa saret it-Translazzjoni Solenni tas-Santissmu Sagrament lejn l-Altar tar-Ripożizzjoni fuq l-Altar tal-Kor, fejn inżamm għall-qima tal-fidili sal-Ġimgħa f'nofsinhar.
**Filgħaxija:** Saru mumenti ta' meditazzjoni fil-ħemda u ambjent ta' talb għall-grupp 23four 18+ u l-gruppi tal-familji fit-Torri ta' Kenuna, in-Nadur.
**» 29 ta' Marzu**
**8.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu quddiem l-Altar tar-Ripożizzjoni.
**10.00am:** Il-Grupp 23four organizza ż-Żjajjar tas-Seba' Knejjes.
**3.00pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija Solenni tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej, li kienet tinkludi t-Tħabbira tal-Passjoni u l-Adorazzjoni tas-Salib Imqaddes.
**5.30pm:** Bdiet ħierġa l-Purċissjoni Penitenzjali u Devozzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Bażilika. Ħadu sehem il-Banda Ċittadina La Stella, il-Kor Laudate Pueri u l-Iscouts Group tal-Marsa.
**» 30 ta' Marzu**
**8.00am:** Is-saċerdoti ċċelebraw il-Liturġija tas-Sigħat flimkien mal-poplu.
**8.30pm:** L-Arċipriet mexxa l-Liturġija tal-Lejl Qaddis tal-Għid, li bdiet minn ħdejn il-bieb il-kbir tal-Bażilika bil-Mixegħla tal-Blandun.
**» 31 ta' Marzu**
**8.45am:** Nhar l-Għid, inżammet mat-toroq tal-Belt Victoria, bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella, id-Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt.
**11.00am:** L-Isqof mexxa l-Pontifikal tal-Għid il-Kbir.



**» 11-13 ta' April**
Il-Kor tal-Parroċċa Laudate Pueri kien mistieden fi Vjenna fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea bħala membru sħiħ. Saru kunċerti f'Votivkircheu fil-Jesuitenkirche u tkantaw biċċiet ta' mużika miktuba mill-Prof. Joseph Vella.
**» 18 ta' April**
**Filgħaxija:** Saru laqgħat madwar il-vara titulari ta' San Ġorġ – li nħarġet għall-festi ta' April – kemm għall-istudenti tal-Griżma tal-Isqof u kemm għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-gruppi kollha tal-Parroċċa, li tmexxiet mill-Kan. Simon M. Cachia.
**» 19-21 ta' April**
**7.00pm:** Il-Kan. Simon M. Cachia mexxa l-Quddies Solenni tat-Tridu bi tħejjija għall-Festa liturġika ta' San Ġorġ. Wara, sar il-kant tal-Innu, u t-talb tal-Kurunella u l-Barka Ewkaristika.
**» 22 ta' April**
**8.00pm:** Saret il-Velja ta' San Ġorġ bit-tema *San Ġorġ: Il-Martri li jġorr it-trofew*, u nżammet fil-Bażilika minħabba t-temp instabbli. Il-Kor Laudate Pueri u l-alljievi tal-Banda Ċittadina La Stella animaw iċ-ċelebrazzjoni, li kienet imsejsa fuq siltiet mill-Akathist ta' San Ġorġ, miġjuba għall-Malti mill-Papas Martin Zammit.



**» 23 ta' April**
**6.25pm:** L-Arċipriet mexxa l-kant solenni tat-Tieni Għasar fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-Kapitlu.
**7.00pm:** L-Isqof Anton Teuma mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali u niseġ l-omelija fis-Solennità liturġika ta' San Ġorġ Martri.












Wiċċhom mgħammda fit-Tiġrija: il-penitenti jkaxkru l-ktajjen warajhom waqt l-aħħar Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

AWGURI LILL-E.T.
MYRIAM SPITERI DEBONO,
BINT IL-PARROĊĊA TAGĦNA,
FIL-ĦATRA TAGĦHA BĦALA
PRESIDENT TA' MALTA.





"L-iktar elementi importanti u essenzjali tal-fidi tagħna kienu preżenti fil-ħajja ta' San Ġorġ. Kieku ma wasalx fejn wasal! Nitolbuh lil San Ġorġ – b'mod speċjali intom il-komunità tiegħu – din il-kwalità li nerġgħu nirkupraw il-karatteristiċi tal-komunità Nisranija ta' veru."

L-Isqof Anton Teuma, Omelija
tas-Solennità liturġika ta' San Ġorġ,
23.04.2024

